0 6 MAY 2026

ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## ID-DISA' LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 625**

**It-Tlieta 7 ta' April, 2026**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar fis-6.11 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Jorge Grech - Sindku
Anna Calleja – Kunsilliera
Leone Sciberras – Kunsillier
Toshera Schembri – Kunsilliera
Joseph Agius – Kunsillier
Patrick Barbara – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Marc Vella Bonnici – Viċi Sindku
Mark Grech – Kunsillier
Joseph Buttigieg - Kunsillier
Martina Baldacchino - Kunsilliera
Carlo Scicluna - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

**625.1Qari tal-ittri t'apoloġiji**

625.1.1 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mill-Viċi Sindku, mis-Sur Mark Grech, mis-Sur Carlo Scicluna, mis-Sur Joseph Buttigieg u mis-Sinjorina Martina Baldachino fejn talbu li jkunu skużati milli jattendu għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Leone Sciberras, il-Kunsill qabel unanimament li l-Viċi Sindku, is-Sur Mark Grech, is-Sur Carlo Scicluna, is-Sur Joseph Buttigieg u s-Sinjorina Martina Baldachino jkunu skużati.

**625.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti**

625.2.1 Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-minuti tas-623 u tas-624 laqgħa ġew unanimament approvati.

**625.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

625.3.1 Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza li waslet mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali dwar applikazzjoni intiża sabiex il-Kunsilli Lokali jkunu jistgħu jiġu allokati vetturi elettroniċi bil-għan li jibdew isaħħu s-servizz ta' trasport fil-komunità għall-membri tal-pubbliku. Is-Sindku spjega li l-Kunsill kien diġà informa lid-Diviżjoni li fil-preżent ma kienx qed joffri dan is-servizz u ssuġġerixxa li l-Kunsill għandu jwieġeb li huwa nteressat li joffri dan is-servizz jekk tingħata l-opportunità li tinkiseb vettura. Is-Sindku qal li fil-preżent dan is-servizz diġà qed jiġi offrut mis-*Silver T*. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li fil-preżent il-Kunsill m'għandux riżorsi umani disponibbli sabiex jopera tali servizz b'mod regolari, u qalet li jkun meħtieġ li ssir talba għal impjegati tad-*District Operations* sabiex is-servizz ikun jista' jingħata b'mod effettiv. Is-Segretarju Eżekuttiv rrimarkat ukoll li, f'każ ta' *vacation leave* jew *sick leave* tal-impjegat assenjat, is-servizz ikun suġġett għal kanċellazzjoni temporanja jekk ma jkunx hemm sostitut disponibbli. Is-Sur Leone Sciberras staqsa jekk il-Kunsill kellux ir-riżorsi umani meħtieġa biex joffri dan is-servizz u s-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat li fil-preżent dawn ir-riżorsi m'humiex disponibbli. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Leone Sciberras, il-Kunsill qabel unanimament li jinforma lid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali li huwa nteressat li joffri dan is-servizz, suġġett għall-ksib tal-vettura u għall-identifikazzjoni tal-arranġamenti operattivi u tar-riżorsi umani neċessarji sabiex is-servizz ikun jista' jitħaddem u jingħata b'mod adegwat.

625.3.2 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti bit-talba li waslet mingħand il-Koordinatur tal-Proġetti ta' *Home Economists in Action* b'rabta mal-kors "Għaqal id-Dar, Ħajja Aħjar", sabiex il-Kunsill jikkunsidra li jipprovdi trasport għall-parteċipanti li ser jattendu sessjonijiet tat-tisjir ġewwa l-Iskola Sekondarja taż-Żejtun nhar id-29 u t-30 t' April bejn l-4.00 ta' wara nofsinhar u s-7.00 ta' filgħaxija. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jipprovdi t-trasport meħtieġ fil-ġranet imsemmija.

625.3.3 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-Kunsill kien organizza l-attività *Easter Egg Hunt* għat-tfal tal-iskola, b'kollaborazzjoni mal-Kulleġġ Santa Margerita B, u spjega li bħalma sar fis-sena li għaddiet, il-Kunsill xtara l-bajd tal-Għid meħtieġ filwaqt li sar użu wkoll mill-materjal li nxtara fis-sena preċedenti. Is-Sindku nforma

wkoll li l-Kunsill kien xtara xemgħat għall-attività tal-Mixegħla ta' Ħamis ix-Xirka, madankollu, minħabba l-kundizzjonijiet ħżiena tat-temp, l-attività kellha tiġi kkanċellata. Is-Sindku spjega li dawn ix-xemgħat ser jinżammu fil-knisja sabiex jintużaw f'attività oħra fil-futur, bħal pereżempju *Corpus.* F'dan il-kuntest, is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-attività li fiha ser jintużaw dawn ix-xemgħat għandha tkun waħda organizzata b'kollaborazzjoni mal-Kunsill u mhux attività esklussivament tal-knisja. Is-Sindku żied jispjega li dawn l-attivitajiet ma setgħax iressaqom quddiem il-Kunsill qabel ma saru l-attivitajiet inkwistjoni, peress li fil-laqgħa preċedenti ma kienx hemm *quorum* u għalhekk ma kienx possibbli li l-membri jiġu formalment infurmati qabel.

625.3.4 Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza li l-Kunsill irċieva mingħand l-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel fejn talbu l-approvazzjoni sabiex fit-30 u l-31 ta' Mejju tiġi organizzata *Zabbar Street Festival* f'Misraħ is-Sliem; li tinkludi fost oħrajn wirja *live* fuq *big screen* tal-finali tal-UEFA *Champions League, car show* u attivitajiet għall-familja kollha. Is-Sindku qal li fl-istess *weekend* ikunu qed isiru l-praċetti f'Ħaż-Żabbar u għalhekk hemm bżonn li jiġi evitat kull kunflitt bejn l-attivitajiet. Il-Kaptan Patrick Barbara qal li għandu dejjem jiġi vverifikat jekk ikunx hemm attivitajiet oħra fil-lokalità qabel jiġu organizzati inizjattivi bħal dawn. Fuq proposta tas-Sindku ssekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li qabel tingħata l-approvazzjoni lill-għaqda għandu jsir kuntatt mal-Arċipriet biex jiġi kkonfermat minn fejn ser tgħaddi l-purċissjoni tal-praċett. Is-Sindku spjega li jekk ir-rotta tal-purċissjoni ma tgħaddix minn Misraħ is-Sliem, l-approvazzjoni tista' tingħata bil-kundizzjoni li fil-permess jiġi indikat b'mod ċar li m' għandu jkun hemm l-ebda interruzzjoni tal-praċetti matul dak il-*weekend*, inkluż il-monti, u li għandhom jiġu osservati miżuri bħal tindif adegwat tal-post u t-tifi tal-*speakers* fil-każ li l-purċissjoni tkun qed tgħaddi fil-viċinanzi.

625.3.5 Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza mibgħuta mir-Reġjun Port fejn ġie nfurmat li ser jiġi allokat fond ta' massimu ta' €5,000 (VAT inkluż) għal kull Kunsill Lokali sabiex jiġu mplimentati inizjattivi fil-lokalità. Is-Sindku spjega li l-Kunsill għandu japplika għal dawn il-fondi u jipproponi li jintużaw taħt inizjattivi kulturali, b'mod partikolari għall-implimentazzjoni ta' dekorazzjonijiet tal-Milied fil-lokalità. Fuq proposta tas-Sindku, li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li japplika għal dawn il-fondi.

625.3.6 Is-Sindku rrefera għall-proġett ta' tisbiħ ta' Triq il-Kbira Sqaq Numru 4 li ser jiġi ffinanzjat permezz tal-iskema Komunitajiet Aktar b'Saħħithom u Inklussivi, u spjega li saru komunikazzjonijiet ma' Infrastruttura Malta bil-għan li x-xogħlijiet relatati jiġu esegwiti permezz tal-*framework agreement* tagħhom minflok tinħareġ sejħa għall-offerti. Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-ispiża stmata għal dan il-proġett ta' tisbiħ tammonta għal madwar €83,807.94 eskluża l-VAT, u għaldaqstant talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex ikun jista' jiġi ffirmat il-kuntratt relattiv ma' Infrastruttura Malta. Is-Sur Joseph Agius qal li fl-istess sqaq kien ser isir żvilupp ta' *guesthouse* u esprima t-tħassib tiegħu li dan seta' jikkawża ħsarat fix-xogħlijiet li kienu ser isiru. Is-Sindku wieġeb li l-kuntratturi għandhom garanzija marbuta mal-Awtorità tal-Ippjanar sabiex f'każ li jsiru xi ħsarat, dawn ikunu koperti skont il-kundizzjonijiet applikabbli. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li fil-każ li l-Kunsill jaqbel mal-iffirmar tal-imsemmi kuntratt, hija kienet ser tressqu

quddiem id-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex tinkiseb l-approvazzjoni meħtieġa qabel ma jitkomplew il-passi sussegwenti. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat ukoll illi ladarba jiġi ffirmat il-kuntratt, il-Kunsill ikun meħtieġ iħallas ħamsin fil-mija (50%) bil-quddiem tal-valur relattiv skont il-kundizzjonijiet stabbiliti. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Leone Sciberras, il-Kunsill qabel unanimament li jiġi ffirmat il-kuntratt u li jitkomplew il-proċeduri neċessarji skont il-liġi u r-regolamenti applikabbli.

625.3.7 Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza mibgħuta mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward il-proġett Ewropew COHERIT – *Co-Creating Green Futures Through Living Heritage*, li ser jiġi sottomess taħt il-programm *Citizens, Equality, Rights and Values (CERV)*, u li jinkludi inizjattivi relatati mal-kultivazzjoni tas-siġar taż-żebbuġ u l-parteċipazzjoni tal-komunità. Is-Sindku spjega li dan jirrappreżenta opportunità sabiex il-Kunsill jipparteċipa f'inizjattiva Ewropeja mingħajr piż finanzjarju, filwaqt li jikkollabora ma' entitajiet oħra u mal-bdiewa Maltin biex jiġu promossi l-għarfien u t-tradizzjonijiet lokali. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Leone Sciberras, il-Kunsill qabel unanimament li jipparteċipa f'dan il-proġett.

625.3.8 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill illi kienu saru l-intervisti għall-ingaġġ ta' librar/a. Is-Segretarju Eżekuttiv resqet quddiem il-Kunsill ir-rapport tal-*interviews* li sar mill-Bord tal-Intervisti għall-Ingaġġ ta' librar/a. Fid-deċiżjoni tiegħu l-Bord ikkonkluda li fl-opinjoni tiegħu 'Kandidata A' hija l-aktar kandidata adattata għal din il-kariga. Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Baldacchino li ġiet issekondata mis-Sinjorina Toshera Schembri, il-Kunsill qabel unanimament li 'Kandidata A' tiġi ingaġġata bħala librara.

625.3.9 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill il-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żabbar u Malta Libraries sabiex jiġi kkunsidrat u, jekk approvat, jiġi ffirmat. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li dan il-ftehim jistabbilixxi l-qafas ta' kollaborazzjoni bejn iż-żewġ partijiet fir-rigward tal-ġestjoni u t-tħaddim tal-librerija, inklużi r-responsabbiltajiet tal-Kunsill dwar il-manutenzjoni u l-indafa tal-post, l-assistenza fl-organizzazzjoni ta' attivitajiet u proġetti relatati mal-librerija, kif ukoll obbligi oħra marbuta mal-faċilitajiet, tagħmir u servizzi meħtieġa sabiex il-librerija tibqa' topera b'mod adegwat u skont l-*istandards* applikabbli. Ġie spjegat ukoll li l-ftehim jinkludi dispożizzjonijiet dwar aspetti amministrattivi, finanzjarji u operattivi relatati mas-servizz tal-librerija; u li dan ser ikun validu għall-perjodu ta' ħames (5) snin. Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sur Leone Sciberras, il-Kunsill qabel unanimament li jiffirma dan il-Ftehim ta' Kooperazzjoni.

625.3.10 Is-Sindku rrefera għall-ħtieġa li jsir xkaffar ġdid għall-kotba tal-librerija lokali u spjega li s-sezzjoni tal-manutenzjoni tal-libreriji toffri servizz f'dan ir-rigward, fejn il-Kunsill jixri l-materjal meħtieġ filwaqt li x-xogħlijiet relatati mal-manifattura u l-installazzjoni tal-ixkaffar jitwettqu mill-istess sezzjoni. Is-Sindku żied jgħid li għal dan il-għan kien meħtieġ li tiġi approvata nefqa massima ta' €10,000 sabiex tkopri l-ispejjeż tal-materjal u spejjeż oħra relatati mal-intervent. Fuq proposta tas-Sindku, li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jibdel l-ixkaffar tal-librerija lokali u li jintalab is-servizz tas-sezzjoni tal-manutenzjoni tal-

libreriji għal dan il-għan. Is-Sindku talab li jinbidel ukoll il-bieb diviżorju li hemm bejn is-sala u l-librerija tal-Kunsill.

625.3.11 Is-Sindku rrefera għall-ħtieġa li jiġu installati aktar *feeding stations* tal-qtates fil-lokalità u spjega li, jekk il-Kunsill jixtri l-materjal neċessarju, dawn jistgħu jinħadmu mill-ħaddiema tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin bi prezz vantaġġjuż. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament sabiex jinġabru l-kwotazzjonijiet meħtieġa bil-għan li jiġu pprovduti dawn il-*feeding stations*.

625.3.12 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-Kunsill kien ressaq rikors relatat mal-appell numru PAB 15/26, marbut mal-permess numru PA/01617/24, dwar l-iżvilupp propost ta' Dar tal-Anzjani f' Misraħ tal-Madonna Medjatriċi. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li hija kienet diġà bagħatet tinforma lill-avukat illi, skont ir-regolamenti finanzjarji applikabbli, il-Kunsill ma jistax joħroġ *direct order* li taqbeż il-€5,000. Is-Segretarju Eżekuttiv żiedet tgħid li f'każ li jkun hemm bżonn ta' aktar spejjeż legali għandha titressaq talba għall-approvazzjoni tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex jagħti l-konċessjoni għal *direct order* skont il-Linji Gwida 3.5 qabel jintalab is-servizz. Is-Sindku żied li fil-każ li jkun hemm il-ħtieġa ta' aktar assistenza legali, huwa kien ser jitlob stima tal-ispejjeż relattivi sabiex il-Kunsill ikun jista' jikkunsidra l-passi meħtieġa skont il-proċeduri applikabbli.

625.3.13 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-proċess sabiex il-Kunsill jakkwista t-teatru fi Triq Hompesch kien wasal fi stadju avvanzat u li l-Kunsill kien diġà kiseb l-approvazzjoni mingħand is-Sur Kevin Mahoney, Segretarju Parlamentari fi ħdan il-Ministeru għall-Kultura, l-Artijiet u l-Gvern Lokali, filwaqt li kien għad fadal biss l-approvazzjoni mid-Dipartiment tal-Kuntratti. Is-Sindku ppreżenta stima tan-nefqa relatata mal-ispejjeż notarili mressqa minn Nutar Lia li tammonta għal €6,443.81, u spjega li din l-istima ma kinitx tinkludi r-riċerki u l-ispejjeż preliminari, kif ukoll kienet teskludi l-VAT u kwalunkwe taxxa oħra relatata max-xiri tal-proprjetà. Is-Sindku żied jgħid li peress li l-binja tinsab f'żona UCA, din setgħet tkun eżentata minn ċerti taxxi; madankollu, sabiex il-Kunsill ikun ċert mill-pożizzjoni applikabbli, b'mod partikolari fid-dawl tal-fatt li l-proprjetà hija teatru u mhux residenza, talab li tintalab kjarifika mingħand il-perit tal-Kunsill. Is-Sindku ppropona wkoll li l-kuntratt notarili għandu jsir min-Nutar Joseph Lia, minħabba li dan huwa nutar Żabbari u diġà għandu d-dokumentazzjoni relattiva għax-xiri preċedenti tal-proprjetà mill-bejjiegħa. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li, skont ir-regolamenti finanzjarji applikabbli, il-Kunsill ma jistax joħroġ *direct order* li taqbeż il-€5,000 u għaldaqstant kellha tintalab l-approvazzjoni tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex tingħata l-konċessjoni meħtieġa għal *direct order*, skont il-Linji Gwida 3.5, minħabba l-valur tal-ispejjeż notarili. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament sabiex tintalab l-approvazzjoni tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali għall-konċessjoni meħtieġa, bil-għan li l-kuntratt notarili jsir min-Nutar Lia. Il-Kunsill qabel ukoll li l-iffirmar tal-kuntratt isir fit-Teatru nnifsu, li tiġi organizzata konferenza għall-istampa, li jinxtara materjal promozzjonali adegwat, u li mal-bieb tat-Teatru titwaħħal tabella adeżiva li turi t-Teatru kif ser jidher wara r-restawr, flimkien mal-*logo* tal-Kunsill.

625.3.14 Is-Sindku rrefera għall-każ relatat mal-applikazzjoni PA/2993/25 ta' Triq ix-Xgħajra u fakkar li kif deċiż fil-laqgħa preċedenti, il-Kunsill kien bagħat ir-risposta tiegħu lil Transport Malta skont il-parir tal-perit tal-Kunsill. Il-Kunsill kien informa lill-awtorità li ma jaqbilx mal-eżenzjoni mit-talba għall-fond minimu ta' 1.5 metru għall-istruttura ta' sostenn taħt it-triq, u li lanqas ma kien qiegħed jappoġġja l-kostruzzjoni ta' garaxxijiet jew żvilupp ieħor taħt it-triq pubblika li tifforma parti minn Triq ix-Xgħajra. Is-Sindku spjega li wara li ntbagħtet din il-korrispondenza lil Transport Malta, l-iżviluppatur talab laqgħa mal-Kunsill li għaliha attenda hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv. Waqt din il-laqgħa l-iżviluppatur ikkonferma li ma kien ser isir ebda żvilupp ta' garaxxijiet taħt it-triq pubblika. Is-Sindku spjega li ċ-ċint eżistenti kien ser jiġi rtirat 'il ġewwa skont il-linja tal-bini u li l-modifiki mitluba mill-iżviluppatur kienu jikkonċernaw prinċipalment tnaqqis fil-ħxuna tas-saqaf, li dwarhom il-Kunsill kien oriġinarjament oġġezzjona. Is-Sindku spjega wkoll li kien informa lill-iżviluppatur li l-Kunsill ma xtaqx li jsiru *gutters* taħt il-bankina fit-triq pubblika, iżda wara l-ispjegazzjoni teknika mogħtija u fid-dawl tal-fatt li l-iżviluppatur aċċetta li jwettaq l-asfaltar tal-parti tat-triq pubblika quddiem is-sit, huwa ma kienx għadu jara raġuni valida sabiex il-Kunsill għandu joġġezzjona. Wara din il-laqgħa l-iżviluppatur issottometta *block plan* li juri l-marki tat-triq proposti għall-parkeġġ fil-livell tat-triq u ż-żoni li kellhom jiġu mmarkati b'linji sofor doppji sabiex jiġi assigurat kemm aċċess għat-triq il-ġdida kif approvata fil-PC 29/24, kif ukoll għall-aċċess lejn il-*basement* tal-iżvilupp. Is-Sindku indika wkoll li ż-żona mmarkata bil-kulur vjola, li tkopri madwar 162 metru kwadru, kienet ser tiġi asfaltata mill-iżviluppatur, suġġett għall-kisba tal-awtorizzazzjonijiet meħtieġa mill-entitajiet kompetenti. Fuq proposta tas-Sindku, li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li jirtira l-oġġezzjoni li kien issottometta, u li fil-korrispondenza relattiva jiġi speċifikat li l-parti tat-triq li ser tinfetaħ ser tiġi asfaltata mill-iżviluppatur, filwaqt li l-Kunsill qiegħed formalment jirtira l-oġġezzjoni tiegħu.

625.3.15 Is-Sindku rrefera għall-iskema tal-LESA 2024 u nforma lill-membri preżenti li, fost l-inizjattivi previsti taħt din l-iskema, hemm il-ħsieb li jiġu organizzati attivitajiet fiż-żona tal-Biċċieni u li, issa li l-kundizzjonijiet tat-temp tjiebu, kienu ser jibdew l-preparamenti sabiex jitnedew *cinema nights* fl-imsemmija żona. Is-Sindku qal li d-data tal-ewwel attività kienet ser titħabbar iktar 'il quddiem. Is-Segretarju Eżekuttiv irrimarkat li l-organizzazzjoni ta' attività ta' dan it-tip tirrikjedi diversi preparamenti, koordinament u l-kisba tal-permessi neċessarji, u għaldaqstant talbet sabiex id-data proposta tiġi kkomunikata malajr kemm jista' jkun. Is-Sinjura Anna Calleja qajmet ilment li kien wasal rigward qsari b'pjanti mejta li jinsabu mal-arkati tal-ħadid fiż-żona tal-Biċċieni. Is-Sindku spjega li kien diġà sar kuntatt mal-kuntrattur sabiex dawn il-pjanti jinbidlu u jitħawlu oħrajn ġodda. Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet dwar kemm kienet in-nefqa prevista għal din l-attività. Is-Sindku wieġeb li din kienet ser tiġi ffinanzjata mill-allokazzjoni ta' €7,000 prevista fl-iskema taħt il-kategorija ta' żona pedonali, filwaqt li żied jgħid li l-intenzjoni kienet li,fil-futur jiġu organizzati aktar minn attività waħda. Is-Sindku kompla jinforma lill-membri li l-iskema kienet tinkludi wkoll proposta għal *bicycle lanes* madwar il-lokalità b'nefqa prevista ta' €20,000, iżda wara diskussjonijiet ma' Transport Malta ma ntlaħaqx qbil sabiex dawn jiġu implimentati. Għalhekk, kien hemm l-intenzjoni li tintalab l-approvazzjoni tal-LESA sabiex isir tibdil fl-iskema, u minflok il-proġett tal-*bicycle lanes* jitwettqu żewġ proġetti oħra, jiġifieri xogħol ta' restawr tal-istatwa tal-

Madonna tal-Karmnu fi Triq G. Agius Muscat kantuniera ma' Sqaq il-Baruni, restawr tan-niċċa ta' Kristu Re fi Sqaq Ġanton, kif ukoll proġett fl-Iskola Primarja B. Is-Sindku spjega li fir-rigward tal-intervent propost fl-iskola, kienet meħtieġa wkoll l-approvazzjoni tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, minħabba li l-proġett kellu jitwettaq ġewwa proprjetà tal-iskola. Il-proposta għall-iskola kienet tinkludi l-attrezzar ta' kamra bħala *gym* u l-installazzjoni tat-tagħmir neċessarju u *soft flooring* b'nefqa indikattiva ta' madwar €15,000, bil-għan li jittejbu l-faċilitajiet eżistenti. Is-Sindku nforma lill-membri, li permezz tal-istess skema tal-LESA, kien previst ukoll l-installazzjoni ta' *automatic gate* fi Triq Santa Duminka b'rabta mal-proġett ta' żona pedonali f'din it-triq, u li dwar dan kien għaddej koordinament ma' Transport Malta. Is-Sindku spjega wkoll li fir-rigward tax-xogħlijiet ta' rikostruzzjoni tat-triq, Infrastruttura Malta kienet qed tieħu ħsieb l-identifikazzjoni tal-kuntrattur sabiex dawn ix-xogħlijiet ikunu jistgħu jitwettqu.

625.3.16 Is-Sindku qal li diversi *soft areas* kienu jinsabu fi stat ta' telqa, b'ħaxix ħażin u ħmieġ fihom, li ma sarx it-tħawwil meħtieġ tal-fjuri, li diversi qsari kellhom pjanti mejta, inklużi l-pjanti li jitilgħu mal-arkati tal-ħadid fiż-żona tal-Biċċieni, u li kien hemm ukoll nuqqas ta' żbir tas-siġar speċjalment fiż-żona ta' Buleben iż-Żgħir. Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li, permezz ta' entità governattiva, sar xogħol ta' tindif fis-*soft areas* u żbir ta' siġar fil-lokalità, u li dan is-servizz ingħata mingħajr ebda ħlas mill-Kunsill. Fuq proposta tas-Sindku, li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li tinħareġ *default notice* lill-kuntrattur responsabbli mill-kuntratt Tindif u Żamma tas-*Soft Areas* u *Roundabouts* (ZLC 2/2025), is-Sur Christopher Bonello, fid-dawl ta' nuqqasijiet osservati fit-twettiq tal-obbligi kuntrattwali tiegħu. Għaldaqstant, il-Kunsill iddeċieda li jieħu l-passi formali meħtieġa skont il-kundizzjonijiet tal-kuntratt sabiex il-kuntrattur jiġi mitlub jirrimedja dawn in-nuqqasijiet fiż-żmien stabbilit.

625.3.17 Is-Sindku rrefera wkoll għall-korrispondenza legali li kienet waslet mingħand is-Sur Christopher Bonello, b'risposta għat-talba tal-Kunsill dwar is-siġra li kienet waqgħet fuq vettura u li, b'konsegwenza ta' dan l-inċident, il-Kunsill kellu jagħmel tajjeb għad-danni kkawżati. Is-Sindku spjega li fir-risposta legali tal-kuntrattur ġie sostnut li t-talba tal-Kunsill kienet infondata fil-fatt u fid-dritt, u li l-kuntrattur qatt ma kien ġie interpellat ġudizzjarjament dwar l-allegat inċident li seħħ bejn is-17 u t-18 ta' Awwissu 2022, u li f'dan l-istadju kienet, skont l-istess risposta, preskritta. Fuq proposta mressqa mis-Sindku u ssekondata mis-Sur Leone Sciberras, il-Kunsill qabel unanimament li tintalab opinjoni legali sabiex jiġi vverifikat jekk il-każ inkwistjoni kienx tabilħaqq preskritt jew le.

625.3.18 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li permezz tal-kumpanija *Project Green* kienu tħawwlu diversi pjanti fi Ġnien Tamara Psaila, u ġie spjegat li kien hemm il-ħsieb li tiġi installata sistema ta' irrigazzjoni sabiex dawn il-pjanti jkunu jistgħu jissaqqew b'mod regolari u adegwat, bil-għan li jinżammu f'kundizzjoni tajba u li jiġi assigurat is-sosteniment tagħhom fit-tul.

625.3.19 Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri li l-proġett relatat mal-installazzjoni ta' arbli tad-dawl b'*solar panels* fi Ġnien il-Mistrieħ kien tlesta. Barra minn hekk, ġie spjegat li *Project Green* ma kinitx f'pożizzjoni li twettaq il-proġett tal-bandli, peress li sabiex seta' jiġi implimentat dan l-intervent, kien meħtieġ li anki minn naħa tagħha tinħareġ

sejħa għall-offerti. Għaldaqstant, is-Sindku nforma lill-membri li l-kwotazzjonijiet neċessarji sabiex jitwettaq dan ix-xogħol kienu ser jingħabru mingħand kuntratturi privati. Fl-istess waqt, is-Sindku talab lill-membri preżenti sabiex, fejn meħtieġ, jispjegaw lir-residenti d-diffikultajiet li l-Kunsill kien qed jiltaqa' magħhom fil-proċess ta' implimentazzjoni ta' dan il-proġett. Is-Sinjura Anna Calleja qalet li jkun tajjeb li l-pubbliku jiġi notifikat bid-diffikultajiet li jiltaqa' magħhom.

625.3.20 Is-Sindku ppropona li l-Kunsill Lokali jippubblika konferenza stampa dwar il-binja li tinsab f'Misraħ San Nikola, biswit Triq ix-Xgħajra, kif ukoll sabiex tiġi ċċarata l-pożizzjoni tal-Kunsill fir-rigward tal-pubblikazzjonijiet li saru fuq *facebook* u fuq il-midja soċjali dwar din il-materja. Is-Sindku spjega li l-imsemmija binja ma taqax taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill Lokali iżda tal-Awtorità tal-Artijiet u għaldaqstant, meta membri tal-pubbliku jitolbu lill-Kunsill sabiex ineħħi l-blokok jew jieħu azzjoni diretta fuq is-sit, il-Kunsill ma jkunx f'pożizzjoni li jagħmel dan. Is-Sindku nforma lill-membri li wara rapporti ta' periklu strutturali li kienu saru matul is-snin, beda proċess ta' koordinazzjoni bejn diversi awtoritajiet sabiex jiġu segwiti l-proċeduri meħtieġa biex tiġi salvata l-binja. Is-Sindku żied, li skont l-aħħar aġġornamenti li rċieva l-Kunsill permezz ta' ħidma koordinata bejn l-Awtorità tal-Artijiet u s-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali, qegħdin jingħabru l-permessi u d-dokumentazzjoni kollha neċessarji sabiex, skont il-liġi u l-proċessi relatati max-xogħlijiet tal-kostruzzjoni, ikunu jistgħu jibdew ix-xogħlijiet ta' konsolidazzjoni u t-tneħħija tal-periklu minn fuq il-binja. Is-Sindku saħaq li minkejja ċerti diskorsi u kummenti infondati li dehru fuq il-midja soċjali favur it-twaqqigħ tal-imsemmija binja, huwa dejjem żamm il-pożizzjoni li din il-binja għandha tiġi salvagwardjata, fid-dawl tal-valur storiku tagħha u tal-fatt li tagħti identità lil-lokalità. Is-Sindku kompla jispjega li wara li jitneħħa l-periklu mill-awtoritajiet kompetenti, il-Kunsill għandu jitlob id-devoluzzjoni tal-binja sabiex din tkun tista' tiġi mgħoddija lill-Kunsill Lokali bil-għan li fil-qalba ta' Ħaż-Żabbar jinħoloq spazju kreattiv li jkompli jsaħħaħ u jikkumplimenta l-proġett ta' Misraħ San Nikola. Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jalloka fond ta' €50,000 sabiex, ladarba tingħata d-devoluzzjoni tal-binja, din tkun tista' tiġi rranġata; li joħroġ konferenza stampa sabiex jinforma lill-pubbliku dwar is-sitwazzjoni marbuta ma' Misraħ San Nikola; u li jikkundanna kull tgħajjir u żebliħ fil-konfront tal-Kunsill Lokali b'mod partikolari lejn is-Sindku, li ħadmu b'impenn sabiex tiġi salvagwardjata l-binja u mħarsa l-interessi tan-negozji u tar-residenti tal-madwar. Is-Sinjura Anna Calleja qalet li jkun tajjeb jekk il-Kunsill jispjega liema parti hija privata. Is-Sindku qal li l-parti ta' fuq kienet tal-privat.

625.3.21 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li wara d-deċiżjoni meħuda mill-Kunsill fir-rigward tal-offerti sottomessi għas-sejħa għall-kuntratt dwar is-Servizz ta' Tindif ta' Toroq Mhux Urbani (ZLC 3/2025), il-kumpanija *Agribrands* resqet appell bil-konsegwenza li l-proċess ġie sospiż sakemm jinqata' l-imsemmi appell. Ġie spjegat ukoll li s-smigħ ta' dan l-appell huwa mistenni li jsir fl-14 t' April 2026.

## 625.4 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

625.4.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn l-25 ta' Frar 2026 u s-7 t' April 2026 li kienet tammonta għal € €89,730.28.

**625.5 Pjan ta' Ħidma 2026-2030**

625.5.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill approva unanimament il-Pjan ta' Ħidma 2026-2030.

**625.6 Skemi Gvern Lokali – Strateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy*;**

**SPI.SCI.02.2026 - Inizjattiva Finanzjarja - Lokalitajiet Aktar Nodfa 2026**

625.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li din l-iskema se tiffinanzja sa massimu ta' €1,500 (VAT inkluż). Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sinjorina Toshera Schembri, il-Kunsill qabel unanimament li japplika għall-massimu ta' din l-iskema finanzjarja.

**SPI.SCI.03.2026 - Espressjoni ta' Interess - Milied 2026**

625.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li din l-iskema ħa tkun qed tiffinanzja 85% tal-ispiża għall-attivita' sa massimu ta' €15,000 (VAT inkluż). Il-Kunsill huwa obbligat li mas-somma mogħtiha lilu jagħti l-kontribut tiegħu ta' 15%. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li japplika għall-massimu ta' din l-iskema u li jiffinanzja 15% tal-ispiża. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li din l-iskema kienet tinvolvi ammont sostanzjali ta' xogħol preparatorju u nfurmat lill-membri li l-iskadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjoni hija nhar il-Ġimgħa, 29 ta' Mejju 2026. Għaldaqstant, talbet li tingħata deskrizzjoni dettaljata tal-attività fl-iqsar żmien possibbli sabiex tkun tista' tippjana l-avveniment kif meħtieġ u tissottometti l-applikazzjoni fiż-żmien stipulat. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza attività marbuta mal-mixgħela tad-dawl tat-triq, bħal dik li kienet ġiet organizzata matul is-sena 2025.

**SPI/SCI/04/2026 Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali**

625.6.3 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li skont l-iskema SPI/SCI/06/2025 – Finanzjament Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali, il-Kunsill jista' japplika għall-fondi sa massimu ta' €30,000 (VAT inkluż). Il-Kunsill huwa obbligat li mas-somma mogħtiha lilu jagħti l-kontribut tiegħu ta' 15%. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li japplika għall-massimu tal-fondi disponibbli taħt din l-iskema u li jiffinanzja 15% tal-ispiża. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li l-applikazzjoni tiġi skwalifikata jekk il-minuti ma jirriflettux l-approvazzjoni tal-proġett li għalih il-Kunsill ikun qiegħed japplika u enfasizzat li l-iskadenza għas-sottomissjoni ta' din l-iskema hija nhar il-Ġimgħa 26 ta' Ġunju 2026. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li permezz ta' din l-iskema jitwettqu xogħlijiet ta' manutenzjoni fuq il-bankijiet, l-għamara tat-triq u l-*planters* fil-*promenade* ta' Triq tal-Labour, li jsir l-irranġar tat-tinda u l-kaxxa fejn hemm il-*meter* tad-dawl fi Triq Ġużeppi Pace, li jitwettqu xogħlijiet ta' manutenzjoni fl-ex-venda fi Triq is-Santwarju fosthom il-manutenzjoni tal-pompa tal-funtani u xogħlijiet relatati fil-

*pump room*, il-qsari, minflok l-umbrellel isiru strutturi tal-ħadid, il-pajpijiet u l-*green wall.*

**SPI/SCI/05/2026 - Finanzjament– Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta' kwalità**

625.6.4 Is-Sindku spjega li f'din l-iskema kien hemm lista ta' proġetti li jistgħu jitwettqu permezz ta' din l-iskema fosthom aċċessibilità aħjar f'postijiet pubbliċi. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li din l-iskema ħa tkun qed tiffinanzja 85% tal-ispiża għall-attività sa massimu ta' €100,000 (VAT inkluż). Il-Kunsill huwa obbligat li mas-somma mogħtiha lilu jagħti l-kontribut tiegħu ta' 15%. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li japplika għall-massimu ta' din l-iskema u li jiffinanzja 15% tal-ispiża. Is-Segretarju Eżekuttiv enfasizzat li l-iskadenza għas-sottomissjoni ta' din l-iskema hija nhar il-Ġimgħa 24 ta' Lulju 2026 u talbet li għandha tingħata deskrizzjoni dettaljata tal-proġett propost fl-iqsar żmien possibbli sabiex issir is-sottomissjoni tal-applikazzjoni fiż-żmien stabbilit. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li permezz ta' din l-iskema jitwettqu interventi ta' titjib fl-uffiċini tal-Kunsill bil-għan li dawn isiru aktar aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità, jinbidel il-madum tal-uffiċini, tibdil ta' ħġieġ, isir xogħol ta' tisbiħ, tibdil tal-għamar tal-uffiċċju u manutenzjoni tat-*toilets* tal-*istaff* kif ukoll tal-librerija Lokali.

**SPI.SCI.06.2026 – Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Karnival 2027**

625.6.5 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li skont l-iskema SPI.SCI.06.2026 – Finanzjament Karnival 2027, il-Kunsill jista' japplika għall-fondi sa massimu ta' €5,000 (VAT inkluż). Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li japplika għall-massimu tal-fondi disponibbli taħt din l-iskema bil-għan li tiġi organizzata attività tal-Karnival fl-2027, simili għal dik li kienet ġiet organizzata fis-sena ta' qabel.

625.6.6 Is-Sindku rrefera għall-kuntrattur responsabbli mill-kuntratt relatat mal-Manutenzjoni tat-Toroq u Xogħlijiet Maġġuri ta' Traqqiegħ f'Toroq ta' Aċċess u Aċċess Biss f'Ħaż-Żabbar (ZLC 2/2023), u informa lill-membri preżenti li kien talab lill-imsemmi kuntrattur sabiex iwettaq ċerti xogħlijiet ta' manutenzjoni fuq il-bankini. Madankollu, peress li l-kuntrattur bħalissa jinsab għaddej bix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni fi Sqaq l-Inkurunazzjoni, kif ukoll minħabba l-fatt li għad hemm xogħlijiet pendenti li s'issa għadhom ma ġewx imkejla, ma kienx f'pożizzjoni li jibda xogħlijiet oħra f'dan l-istadju. Fid-dawl tal-ħtieġa urġenti li jsiru interventi fuq numru ta' bankini, is-Sindku ppropona li l-Kunsill jibgħat lista tal-bankini li jixtieq jirranġa, sabiex il-kuntrattur jinforma lill-Kunsill jekk huwiex f'pożizzjoni li jwettaq dawn ix-xogħlijiet u, fin-nuqqas, jikkonferma li ma jkollux oġġezzjoni sabiex l-imsemmija xogħlijiet jitwettqu minn kuntratturi oħra.

**625.7 Ingaġġ *Administration Officer II* (*full-time*) Skala 10**

625.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill illi kienu saru l-intervisti għall-ingaġġ ta' *Administration Officer 11* (Skala 10). Is-Segretarju Eżekuttiv resqet quddiem il-Kunsill ir-rapport tal-*interviews* li sar mill-Bord tal-Intervisti għall-Ingaġġ ta'

*Administration Officer II* (Skala 10). Fid-deċiżjoni tiegħu l-Bord ikkonkluda li fl-opinjoni tiegħu 'Kandidata A' hija adattata għal din il-kariga. Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sinjorina Toshera Schembri, il-Kunsill qabel unanimament li 'Kandidata A' tiġi mpjegata mal-Kunsill bħala *Administration Officer II* (Skala 10).

625.7.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali kien approva li l-Kunsill jingaġġa *Administration Officer I Reduced Hours* (Skala 12) u li din is-sejħa diġa ħarġet internament.

## 625.8 Talba għal rimbors dwar ħsarat fil-vetturi

625.8.1 Inqara rapport u ittra li l-Kunsill irċieva mingħand Gasan Mamo Insurance dwar vettura MMS762 relatat ma' inċident li allegatament seħħ fi Triq Wied il-Għajn, fejn talbu kumpens ta' €1,328.64 mingħand il-Kunsill għall-ħsarat li ġarrbet il-vettura. Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà għal dan l-inċident u li tintbgħat ittra legali bħala risposta. [1]

625.8.2 Inqrat korrispondenza li l-Kunsill irċieva mingħand resident, sid ta' mutur, b'rabta ma' inċident li allegatament seħħ fi Triq Ħas-Sajjied. Ġie nnutat li r-resident inkwistjoni kien bagħat biss mistoqsija dwar il-proċedura ta' kif setgħet titressaq talba iżda sussegwentement ma ressaq l-ebda talba formali u lanqas ma ppreżenta xi dokumentazzjoni relatata. Għaldaqstant, peress li l-Kunsill ma rċieva ebda talba uffiċjali f'dan ir-rigward, fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja ssekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li jieħu nota tal-korrispondenza u li ma tittieħed ebda azzjoni ulterjuri f'dan l-istadju. [2]

625.8.3 Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza legali datata 24 ta' Marzu 2026 mibgħuta lill-Kunsill f'isem resident, dwar allegata ħsara strutturali fil-proprjetà tiegħu fi Triq il-Ward, Ħaż-Żabbar, li skont l-imsemmija korrispondenza kienet attribwita minn siġra taż-żebbuġ imħawla fuq il-bankina pubblika biswit il-proprjetà. Is-Sindku spjega li fil-fehma tiegħu, kieku r-resident ikkopera, l-interventi meħtieġa setgħu tlestew ferm qabel, u żied li l-Kunsill kien diġà mar fuq il-post flimkien mal-kuntrattur sabiex isiru l-interventi meħtieġa fuq iċ-ċint tal-parapett. Is-Sindku kompla jgħid li l-Kunsill kien offra li jirranġa iċ-ċint iżda r-resident m'aċċettax din il-proposta. Is-Sindku ppropona li jekk ir-resident jixtieq jikseb kwotazzjoni jew rapport mingħand perit, tali spiża għandha titħallas minnu u mhux mill-Kunsill. Is-Sindku żied li r-resident qiegħed jitlob t-tneħħija ta' siġra taż-żebbuġ li tinsab fuq il-bankina u mhux it-tiswija taċ-ċint. Is-Sindku saħaq li jekk il-Kunsill jieħu dan il-pass, f'dan il-każ jista' jinħoloq preċedent għal każijiet oħra simili. Is-Sindku spjega wkoll li minkejja l-allegazzjonijiet ta' ħsara interna, bejn is-siġra u l-proprjetà hemm ċint u ġnien li jifirduhom. Fuq proposta tas-Sindku ssekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li ma jilqax it-talba tar-resident u li tintbagħat ittra legali bħala risposta.

### 625.9 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri

625.9.1 Is-Sinjura Anna Calleja resqet ilment li kienet irċeviet dwar problema ta' għargħar fi Triq id-Dliela u talbet li jiġu installati aktar *gutters* f'din it-triq sabiex il-problema tkun tista' tiġi indirizzata. Is-Sindku spjega li f'din it-triq diġà saru *culverts* għall-ilqugħ tal-ilma tax-xita.

625.9.2 Is-Sinjura Anna Calleja qalet li kien qed ikun hemm problema tat-traffiku fi Triq il-Qaqoċċ, li qed tinħoloq minħabba l-għeluq ta' Triq ix-Xgħajra. Is-Sindku spjega li sabiex din il-problema tkun tista' tiġi indirizzata, jeħtieġ li titwaħħal tabella ta' *one way* fi Triq il-Qaqoċċ fid-direzzjoni lejn Triq il-Magħsar.

625.9.3 Il-Kaptan Patrick Barbara ressaq ilment li kien irċieva dwar bankina fi Triq Villabate. Il-Kaptan spjega li l-Kunsill Lokali qed jirċievi diversi rapporti li maġenb il-bus stop 'Newl' fi Triq Villabate hemm bankina li tispiċċa f'nofs it-triq u li warajha jinsab parkeġġ ta' vetturi. Il-Kaptan Barbara talab li tittieħed azzjoni immedjata sabiex dan l-inkonvenjent jiġi indirizzat peress li l-*pedestrians* ikunu kostretti joħorġu f'nofs it-triq.

625.9.4 Is-Sur Joseph Agius qal li l-*perspex* tal-*bus shelter* fi Triq is-Santwarju kienet għadha ma ġietx irranġata.

### 625.10 Mozzjonijiet

625.10.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

### 625.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

625.11.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 5 ta' Mejju, 2026 fis-6.00 ta' filgħaxija.

625.11.2 Il-laqgħa spiċċat fis-8.10 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fis-627 laqgħa li saret nhar it-Tlieta 5 ta' Mejju, 2026.

IFFIRMATA

Jorge Grech
Sindku